# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru, 2001 .**

**Avviz numru : 70/00GT(GM)**

**Michael Camilleri**
**Vs**
**Kalypso Academy of English .**

**It-Tribunal ;**
**Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab il-hlas ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (LM172) dovuti lill-attur mill-konvenut bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' trasport li l-attur ghamel fuq inkarigu ta' l-akkademja konvenuta .**

**Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-imghaxijiet skond il-ligi, l-ispejjez ta' dan l-avviz u dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru 2000 .**

**Is-socjeta' konvenuta ma pprezentatx risposta izda fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2001 deher ghaliha Kevin Sciberras li pprezenta kont u zewg ittri .**

**Jirrizulta illi bejn il-partijiet kien hemm ghal diversi snin ftehim verbali li permezz tieghu l-attur kien jipprovdi servizz ta' trasport lis-socjeta' konvenuta kull meta kien hemm htiega ta' tali servizz . L-attur kien jipprovdi dan is-servizz b'nollijiet orhos minn dawk stabbiliti ghal taxis u minibuses in vista tal-fatt li kellu 'retailer' mas-socjeta' konvenuta .**

**Skond ricevuta rilaxxjata mill-attur, Dok KA 1 huwa ddikjara li kien thallas ghas-saldu tas-servizzi minnu rezi sal-25 ta' Settembru 2000 . Wara din id-data, huwa ghamel xi vjaggi ohra fit-28 ta' Settembru (Dok. MC 7) u fl-10 ta' Ottubru (Dok MC-6) li taghhom l-attur iddebita lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' LM16 .**

**Fit-2 ta' Novembru l-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' konvenuta informa lill-attur li kien qed jitterminalu l-kuntratt billi mis-servizz tal-attur kienet qed titlef il-flus .**

**L-attur, minkejja li kien iddikjara, permezz ta' Dok KA-7 li kien qed jithallas ghas-saldu, gholla n-nollijiet u talab LM172 iktar li minnhom**

**LM 16 biss huma ghal servizzi rezi wara l-25 ta' Settembru 2001 . L-attur ghamel hekk billi tterminalu l-kuntratt bla pre-avviz u ghalhekk tilef il-flus minn xoghol iehor li altrimenti kien ikun disponibbli ghalih.**

**Ikkunsidra :**

**illi n-negozju guridiku bejn il-partijiet kontendenti kien wiehed ta' garr ta' affarijiet u ta' passiggieri li jinkwadra ruhu fil-kuntratt deskritt f'artikolu 1626(b) tal-Kodici Civili . Dan l-artikolu jinstab f'Taqsima I, Sotto-Titolu II ta' Titolu IX tat-tieni parti tat-tieni ktieb tal-Kodici Civili . Dan il-kuntratt partikolari ta' servizz huwa trattat mill-Kodici Civili separatament u distintament mill-kuntratt ta' xoghlijiet, jew *locatio operis,* li jinstab f'Taqsima II, Sotto-Titolu II ta' Titolu IX tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb, ghalkemm ghandu l-elementi kollha ta' *locatio operis* . Issa filwaqt illi ghar-rigward ta' *locatio operis* (artikli 1633 et seq Kodici Civili) il-ligi tistipula li l-*employer* jista' jxolji l-kuntratt anke minghajr ma jaghti ebda raguni, u minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti [Artiklu 1640(5)], dan ma japplikax ghall-kuntratt deskritt f'artiklu 1626(b) u regolat b'artikli 1628 sa 1623 tal-istess Kodici .** [1]

**Il-kaz odjern, pero', mhux ibbazat fuq il-kundizzjoni risoluttiva . Is-socjeta' konvenuta ma tatx, bhala raguni ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt in kwistjoni, xi non-adempiment ta' obbligazzjoni da parti tal-attur, imma giebet bhala raguni biss li hija kienet qed titlef il-flus mis-servizz . F'kaz ta' kuntratt bhal dan, fejn si tratta mhux ta' bicca xoghol wahda, imma ta' sensiela ta' servizzi rezi fuq tul ta' xhur u snin, ma jista' qatt ikun prezunzjoni li t-terminu tal-kuntratt ikun wiehed perpetwu u cioe' tali li wiehed ma jistax jinhall minnu purche' ma tavverax ruhha xi kundizzjoni rizoluttiva . Anzi l-prezunzjoni tkun li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-kuntratt ikun indefinit, b'riserva ta' kull parti li tittermina l-kuntratt fi kwalunkwe zmien . Ikun assurd li wiehed jipprezumi li l-partijiet f'kuntratt dahlu f'vinkolu perpetwu, purche' dan ma jkunx xi att taz-zwieg .**

**Difatti f'din il-kawza anke l-attur jidher, implicitament, li jaccetta li l-kuntratt setgha jigi terminat mill-kontroparti . Ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jinvesti l-kwistjoni dwar jekk, biex tabilhaqq jigi terminat il-kuntratt, kienx hemm bzonn pronunzjament f'dan is-sens mill-Qorti kompetenti .**

---

[1] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1989, *Pio Gauci –vs- Joseph Cutajar* Qorti tal-Kummerc, Onor. Giuseppe Mifsud Bonnici J. Kollezz . Vol LXXIII – iv- 956

**B'danakollu, il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, inkluzi l-kuntratti kummercjali . Il-buona fede, fil-kaz odjern, fejn l-attur kien qieghed jipprovdi s-servizz ta' trasport bi prezzijiet ridotti proprju minhabba li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata tinkariga dejjem lilu, u lil hadd iktar, ghal dan ix-xoghol (*retailer)* kienet titlob li s-socjeta' attrici taghti preavviz ragonevoli tat-terminazzjoni tal-kuntratt sabiex l-attur ikun jista' jfittex xoghol alternattiv – haga li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel . Ghal hekk l-attur kien perfettament iggustifikat li jitlob noll oghla ghall-ahhar perjodu tal-kuntratt tieghu .**

**Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti fl-Avviz tat-Talba, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas lill-attur ta' LM172 bilanc ta' somma ikbar dovuta ghal xoghol ta' trasport li l-attur esegwixxa fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Novembru 2000 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Novembru 2000 .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S7000Gtgm
830